MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 1067/2012

**Mary Balzan**

**Vs**

**David Jaccarini**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fl-24 ta' Ottubru 2012 l-attrici qeghda titlob id-danni minghand l-attur talli baqa' jokkupa l-fond 70, Villa Davita, Triq l-Gharbiel, Swieqi. B'sentenza li nghatat fil-kawza fl-ismijiet **Mary Balzan vs David Jaccarini** (196/2011) fit-30 ta' April 2012, il-qorti kkundannat lill-konvenut Jaccarini sabiex jizgombra minn gewwa l-imsemmi fond fi zmien tlett xhur wara li kkonkludiet li ma kellux titolu. Ma jirrizultax li s-sentenza giet appellata.

Il-konvenut ipprezenta twegiba guramentata fejn ikkontesta t-talba attrici (fol. 17 u ppropona rikonvenzjoni fejn ippremetta li:

1. Hallas ghal xogholijiet strutturali fil-fond 70, Villa Davita, Triq l-Gharbiel, Swieqi proprjeta ta' Mary Balzan sabiex il-fond jigi rez abitabbli.
2. Halla ghal xogholijiet sabiex il-basement isir flat li jinkera lil terzi. Ghal dan kien ha self mill-Bank of Valletta.
3. Ta lil Mary Balzan flus sabiex jintuzaw minnha ghan-negozju taghha, u li qatt ma thallsu lura. Kien ha self minghand il-Bank of Valletta li ghadu dovut.
4. Hallas kontijiet tad-dawl u ilma li ghadhom ma thallsux lura.

Ghalhekk talab lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li David Jaccarini hallas ghal diversi xogholijiet strutturali fil-fond 70, Villa Davita, Triq l-Gharbiel, Swieqi proprjeta ta' Mary Balzan.
2. Tillikwida l-ammont li ghandha thallas Mary Balzan lil David Jaccarini ghax-xogholijiet u tikkundanna lill-attrici sabiex thallas l-ammont likwidat.
3. Tiddikjara li David Jaccarini ta flus lill-attrici sabiex jintuzaw ghan-negozju.
4. Tillikwida l-flus li nghataw lill-attrici minn David Jaccarini u tikkundannaha thallsu lura.
5. Tiddikjara li David Jaccarini hallas kontijiet tad-dawl u ilma relattivi ghall-fond 70, Villa Davita, Triq l-Gharbiel, Swieqi.
6. Tillikwida l-hlas li ghamel David Jaccarini fir-rigward tal-kontijiet ghall-konsum tad-dawl u ilma ghall-fond 70, Villa Davita, Triq l-Gharbiel, Swieqi u tikkundanna lill-attrici thallas.

Din is-sentenza titratta whud mill-eccezzjonijiet li tat l-attrici ghar-rikonvenzjoni[1]:-

[1] Fil-verbal tas-seduta tal-4 ta' Frar 2013 jinghad li fis-seduta ta' wara kellhom jitressqu provi b'riferenza ghall-eccezzjonijiet numru 2,3,4,5 u 12 li nghataw mill-

1. L-ewwel, tieni, hames u sitt talbiet huma preskritti skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
2. It-tielet u raba' talbiet huma preskritti skond l-Artikolu 2156(e) u (f) tal-Kodici Civili.
3. L-ewwel, tieni u hames u sitt talbiet huma nsostenibbli skond l-Artikolu 1833 tal-Kodici Civili. Il-fond kien inghata b'kommodat lil Rita Jaccarini, mart il-konvenut. Kull spiza li saret kienet biex il-konjugi Jaccarini u familthom jutilizzawha u jgawdu minnha, u ghalhekk huma prekluzi milli jitolbu xi forma ta' hlas jew kumpens minghand Mary Balzan.
4. L-ewwel, tieni, hames u sitt talbiet huma wkoll insostenibbli skond l-Artikolu 1833 tal-Kodici Civili kif marbut mal-Artikolu 1841 tal-Kodici Civili.
5. David Jaccarini qieghed jitlob ghall-hlasijiet li semmai huma dovuti lil martu Rita Jaccarini, li m'hijiex parti f'dawn il-proceduri (eccezzjoni numru 12).

Il-qorti rat l-atti tal-kawza 196/2011 fl-ismijiet **Mary Balzan vs David Jaccarini**. Semghet il-provi u t-trattazzjoni tad-difensuri.

B'nota prezentata fit-3 ta' Jannar 2013 il-konvenut iddikjara li fir-rigward tal-ewwel zewg talbiet l-azzjoni hi bazata fuq l-Artikolu 1028A tal-Kodici Civili (fol. 38). Fil-kawza fuq imsemmija l-konvenut kien iddefenda ruhu billi nvoka titolu ta' kommodat. Fis-sentenza tat-30 ta' April 2012 inghad:-

*"Illi huwa car ghall-Qorti li l-konvenut odjern allura m'ghandu ebda titolu simili"*.

Dan ifisser li bejn il-kontendenti ma kienet tezisti l-ebda relazzjoni guridika. Materja li llum hi regolata minn sentenza li hi gudikat. Issa l-konvenut irid li l-attrici tikkumpensah ghall-ispejjez li ghamel fil-fond 70, Davita, Triq l-Gharbiel, Swieqi. Billi ma kienet tezisti l-ebda

---

attrici b'riferenza ghar-rikonvenzjoni. L-istess eccezzjonijiet jissemmew fil-verbali ta' wara. Fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013 inghalaq il-gbir tal-provi dwar dawk l-eccezzjonijiet u l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni.

relazzjoni guridika bejn il-partijiet, il-konvenut ippropona l-azzjoni *de in rem verso*. Azzjoni li tista' ssir *in subsidium* cjoe' fejn il-kreditur ma jkollux mezzi ohra sabiex jithallas minghand id-debitur tieghu[2]. Jidher li l-attrici m'hijiex l-unika proprjetarja tal-fond. Fir-rikors guramentat ppremettiet li hi proprjetarja ta' nofs indiviz tal-fond. Mill-atti tal-kawza l-ohra l-indikazzjoni hi li n-nofs indiviz l-iehor hu ta' martu Marguerite Jaccarini. Dan iwassal sabiex ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument il-konvenut kellu jinghata ragun fil-meritu, ma jistax jitlob il-hlas intjier minghand l-attrici. Fir-rigward tal-kumplament tat-talbiet qieghed jitlob li jithallas lura self li jallega li ta lill-attrici, u sabiex thallsu kontijiet tad-dawl u ilma ghas-snin 2007 sa 2009.

**<u>Preskrizzjoni</u>**.

Dwar l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni, l-attrici ssostni li:-
(i) **L-ewwel, tieni, hames u sitt talba huma preskritti skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili**.

Ghall-azzjoni *de in rem verso* m'hemmx provvediment *ad hoc* li jistabilixxi terminu preskrittiv. Il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' hames snin kontemplata fl-imsemmi provvediment (ara sentenza ta' din il-qorti[3] fil-kawza **Tasika Auto Limited vs Jason Mizzi** tas-17 ta' April 2012).

L-ewwel u t-tieni talba huma relatati max-xogholijiet li saru fil-fond 70, Villa Davita, Triq l-Gharbiel, Swieqi. It-talbiet jaqraw hekk:-

*"1. Tiddikjara illi David Jaccarini hallas ghal diversi xogholijiet strutturali fil-fond 70, Villa Davita, Triq l-Gharbiel, Swieqi proprjeta' ta' Mary Balzan.*

---

[2] Fil-kawza **V. Parnis vs Dr G. Vella** nomine deciza fit-30 ta' Novembru 1955, il-Prim'Awla osservat: *"din l-azzjoni, introdotta mill-ekwita' tal-pretur ruman, giet estiza ghal kwalunkwe vantagg li persuna tirritraji mill-fatt ta' haddiehor, minghajr titolu guridiku, jew b'titolu difettuz, jew null."*.
[3] Imhallef J.R. Micallef.

*2. Tillikwida l-ammont li ghandha thallas Mary Balzan lil David Jaccarini ghax-xogholijiet imsemmija u tikkundanna lil Mary Balzan thallas l-ammont hekk likwidat”*.

Fin-nota li pprezenta fil-11 ta’ Jannar 2013 (fol. 39) l-attur iddikjara li qieghed jitlob hlas ta’ €58,145 li jsostni li huma l-ispejjez li ghamel.

Marguerite Jaccarini qalet li fl-1991 kienu marru jghixu fid-dar. Spjegat li fil-basement u fl-ewwel sular x-xoghol kien lest (fol. 91). Qalet ukoll li fis-snin disghajn kienu saru xogholijiet fil-basement u fl-1998 kienu bdew jilqghu l-istudenti f’dak is-sular. F’nota prezentata fil-11 ta’ Jannar 2013 (fol. 39) il-konvenut spjega li qabel marru jghixu fid-dar kienu saru xogholijiet sabiex ikunu jistghu jghixu fil-fond, u wara li dahlu fid-dar kienu saru xogholijiet sabiex l-garaxx u l-basement jinbidlu f’appartament. Kompla jghid li parti mix-xogholijiet kienu gew finanzjati b’self ta’ Lm8,000 u f’dan ir-rigward ghamel riferenza ghar-rendikont tal-Bank of Valletta plc a fol. 42. Is-self li jissemma f’dak id-dokument ittiehed fit-30 ta’ Lulju 2002, ghalkemm martu qalet li dak is-self kien ittiehed in konnessjoni man-negozju tal-pompa tal-petrol. Il-konvenut qal li x-xoghol sar fl-2003/2004. Ir-rikonvenzjoni saret fit-28 ta’ Novembru 2012. Mill-provi rrizulta li fl-ahjar ipotezi ghall-konvenut u jekk wiehed kellu jemmen dak li qal[4], ix-xoghol tlesta bejn ‘l 2003 u ‘l 2004. Il-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista’ tigi ezercitata (Artikolu 2137 tal-Kodici Civili). Fil-fehma tal-qorti dan ma kienx meta l-konvenut gie zgumbrat mill-fond. Il-konvenut qieghed isostni li l-arrikkiment indebitu jikkonsisti fl-ispejjez li ntefqu sabiex saru x-xogholijiet, tant li qieghed jitlob il-hlas tal-ispejjez kollha li jghid li saru fil-fond. Mela bil-mod kif ippropona t-talba qieghed jiehu posizzjoni fis-sens li l-arrikkiment sehh meta sar ix-xoghol, tant li qieghed jitlob il-hlas tal-ispejjez kollha li jallega li saru. Mela l-arrikkiment prospettat mill-konvenut sehh hafna qabel il-hames snin qabel it-28 ta’ Novembru 2012, data li fiha pprezenta r-rikonvenzjoni. Ghalhekk l-ewwel u tieni

[4] Qieghed jinghad hekk ghaliex il-verzjoni li tat Marguerite Jaccarini ma taqbilx mal-verzjoni li ta l-konvenut ghal dak li jikkoncerna x-xoghol li sar sabiex il-basement sar appartament.

talbiet huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Il-hames u sitt talbiet huma relatati mal-kontijiet ghall-konsum tad-dawl u ilma. Il-konvenut isostni li fis-snin 2007 sa 2009 l-appartament li hemm fil-basement kien mikri lil terzi u qieghed jippretendi €3,347.89 bhala *"[….] nofs l-ammont tal-konsum fir-rigward tal-fond kollu (kemm il-parti wzata mill-esponenti u t-tfal tieghu kemm il-falt mikri lil terzi)."*. Il-konvenut xehed li kienet l-attrici li tikri l-appartament lil terzi. Verzjoni li l-attrici cahdet. Madankollu ghall-iskop tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni dak li hu importanti hu jekk ghaddewx hames (5) snin minn meta l-konvenut seta' jipprocedi fir-rigward tal-pretensjoni li ghandu kontra l-attrici. Il-konvenut ipprezenta rendikont relatat mal-kontijiet tad-dawl u ilma (fol. 44). Fil-fehma tal-qorti l-jedd tal-azzjoni twieled meta l-konvenut ircieva l-kontijiet minghand l-awtorita kompetenti. Il-kontijiet li huma preskritti bit-trapass ta' 5 snin huma biss dawk datati 26 ta' Jannar 2007, 5 ta' Gunju 2007 u 14 ta' Dicembru 2007. Fuq bazi ta' probabilita' dawn il-kontijiet kien ircevihom mhux iktar minn hamest ijiem wara d-data tal-kont. Meta pprezenta r-rikonvenzjoni (28 ta' Novembru 2012) il-jedd ta' azzjoni fir-rigward ta' dawn il-kontijiet, b'total ta' €3,404.83, kien preskritt. Fir-rigward tal-kumplament ma kienux minhabba li ma ghaddewx hames snin minn meta twieled il-jedd ta' azzjoni.

(ii) **It-tieni u tielet talbiet huma preskritti skond l-Artikoli 2156(e) u (f) tal-Kodici Civili (Kap. 16)**.

Il-konvenut jallega li kien ta self lill-attrici. Fil-meritu l-attrici qeghda tikkontesta tali fatt. Madankollu meqjus li l-pretensjoni tal-konvenut hi bazata fuq allegat self, ghal finijiet ta' preskrizzjoni japplika l-Artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili. Fin-nota li pprezenta fil-11 ta' Jannar 2013 (fol. 39) l-attur qal li:-

(a) Fl-2002 ha self minghand il-Bank of Valletta plc fl-ammont ta' Lm5,120.30, *"[….] liema flus inghataw lil Mary Balzan immedjatament."* (fol. 40).

(b) Fis-sena 2004 ta Lm2,400 fi flus kontanti. Qal li dawn il-flus kienu parafernali tieghu li kien ha b'rizultat tal-

wirt ta’ missieru. F’dan ir-rigward il-qorti tosserva li dan zgur li m’huwiex il-gudizzju fejn ghandha tinghata dikjarazzjoni dwar jekk proprjeta’ hijiex parafernali jew tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Jaccarini. Materja li hi *res inter alios acta* ghall-attrici.

L-attur ghamel riferenza ghat-testment li ghamlet l-attrici fl-20 ta’ Ottubru 2005 (fol. 64) fejn jinghad:-

*“**It-Tieni Artikolu**.*

*It-Testatrici thalli titolu ta’ prelegat konsegwibbli wara mewta in piena u assoluta proprjeta’ lil bintha Margerita Jaccarini u zewgha David Jaccarini, f’sehem ugwali bejniethom, ammont fi flus, ekwivalenti ghall-bilanc li jkun ghadu pendenti fid-data tal-mewt tat-Testatrici, fuq is-segwenti loan accounts mal-Bank of Valletta plc – numru erba’ zero zero wiehed erba’ zero seba’ tnejn tlieta tmienja hamsa (40014072385) u erbgha zero zero wiehed wiehed tmienja zero tmienja zero zero (4001180800).*

*It-testatrici qeghda tillimita dan il-legat ghall-kapital ezistenti fiz-zewg loan accounts sad-data ta’ llum u l-imghax li jiddekorri fuqu sad-data tal-mewt taghha…..*

***It-Tielet Artikolu**.*

*It-Testatrici thalli titolu ta’ legat konsegwibbli wara mewta in piena u assoluta proprjeta ghal darba wahda biss lil fuq imsemmi David Jaccarini s-somma ta’ elfejn u hames mitt Liri Maltin (Lm2,500)”*.

Il-konvenut isostni li din hi prova li l-attrici tirrikonoxxi li hi debitrici. Jirrizulta li fit-2 ta’ Marzu 2005 il-konjugi Jaccarini hadu self minghand il-Bank of Valletta plc ta’ Lm5,120 (kont numru 40014072385). Ittiehed ukoll self iehor fit-30 ta’ Lulju 2002 fis-somma ta’ Lm8,000 (kont numru 4001180800) li wkoll jissemma fit-Tieni Artikolu tat-testment li ghamlet l-attrici. Bejn il-konjugi Jaccarini m’hemmx qbil dwar ir-raguni ghalfejn ittiehed is-self ta’ Lm8,000. Filwaqt li Marguerite Jaccarini ssostni li hadu dak is-self ghan-negozju tal-pompa tal-petrol li bdew jiggestixxu hi u zewgha, il-konvenut isostni li dan kien ittiehed sabiex il-basement jigi konvertit f’appartament.

Jekk wiehed kellu, ghall-grazzja tal-argument biss, jemmen li l-attrici sselfet xi flus minghand bintha u zewgha, m’hemmx prova li l-kontendenti ftehemu meta kellu jsir il-hlas. Ghalhekk jidher li japplika l-Artikolu 1077 tal-Kodici Civili gialadarba l-ghoti ta’ self igib mieghu l-

htiega ta’ zmien ghal dak li jirrigwarda meta ghandu jsir il-hlas. Dan ifisser li z-zmien li fih ghandha ssir l-azzjoni ma jibdiex jiddekorri qabel jigi stabbilit zmien mill-qorti.

Il-qorti taghmilha cara li b’daqshekk m’hijiex taccetta l-verzjoni tal-konvenut li sellef flus lill-attrici. Materja li ser tigi deciza meta jigi trattat il-meritu meqjus ukoll eccezzjonjiet li nghataw fil-meritu u li m’humiex jigu trattati f’din is-sentenza.

**<u>Eccezzjonijiet fejn gew invokati l-Artikolu 1833 u 1844 tal-Kodici Civili</u>**.

B’riferenza ghall-ewwel u tieni talba din l-eccezzjoni ma tibqax rilevanti gialadarba ser tintalaqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. L-Artikolu 1833 jipprovdi li:-

*“Jekk sabiex jista’ jinqeda bil-haga mislufa, il-kommodatarju jkun ghamel xi spiza, hu m’ghandux jedd ghall-hlas lura ta’ dik l-ispiza.”*.

Il-qorti m’ghandix dubju li x-xogholijiet li saru fil-fond kienu biex jinqdew bihom il-konjugi Jaccarini. Xogholijiet li saru fl-interess taghhom u ta’ hadd iktar. Ghalhekk Marguerite Jaccarini, bhala kommodatarja, m’ghandix jedd tippretendi hlas ghall-ispejjez li ghamlu. Pero’ skond is-sentenza tat-30 ta’ April 2012 (fol. 4), il-konvenut qatt ma kien kommodatarju. Il-qorti osservat:-

*“Madankollu l-qorti jidhrilha, li sakemm il-provi ma jurux kjarament mod iehor, il-ftehim li permezz tieghu genitur jippermetti lil xi hadd minn uliedu biex imur jabita go fond proprjeta tieghu biex jghix mas-sieheb jew siehba tieghu, isir appuntu bejn il-genitur u ibnu jew bintu u mhux mas-sieheb.”*.

Il-konkluzjoni tal-qorti kienet li l-konvenut ma kellu l-ebda titolu fuq il-fond. Ghalhekk il-qorti ma tarax kif l-Artikolu 1833 tal-Kodici Civili jista’ japplika fil-kaz tieghu. Semmai dan il-provvediment jista’ jkun rilevanti biss ghal finijiet ta’ wiehed mill-elementi ta’ din l-azzjoni, cjoe’ li l-arrikkiment irid ikun *“minghjar kawza gusta”*. Materja li semmai kienet tigi trattata f’decizjoni dwar il-meritu meta kienu jigu kkunsidrati jekk jezistux l-elementi tal-*actio de in rem verso*.

Fir-rigward tat-talbiet hamsa u sitta, l-Artikolu 1833 zgur li ma jsibx applikazzjoni. Il-hlas li qieghed jitlob il-konvenut jirrelata ghall-kontijiet tad-dawl u ilma. Konsum ta’ dawl u

ilma m'ghandu x'jaqsam ma' hlas ta' dejn li l-konvenut isostni li huwa tal-attrici.
Inoltre fil-fehma tal-qorti r-riferenza ghall-Artikolu 1844 tal-Kodici Civili hi ghal kollox barra minn lokha gialadarba m'hemmx prova li qatt kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti. Skond l-Artikolu 1839 tal-Kodici Civili l-prekarju hu wkoll self ghall-uzu bid-differenza li *"dak li jislef il-haga jibqa' fis-setgha li jehodha lura meta jrid."*. M'hemmx prova li qatt sar ftehim ta' din ix-xorta bejn il-kontendenti. Mis-sentenza fuq citata hu evidenti li l-konvenut kien ighix fil-fond ghaliex martu kellha kommodat u mhux ghaliex kellu xi titolu fuq il-fond.
**<u>Hlas ta' dejn li semmai hu dovut lill-konvenut u martu</u>**.
Jidher li b'din l-eccezzjoni l-attrici qeghda ssostni li l-gudizzju m'huwiex integru ghaliex ir-rikonvenzjoni ma saritx mill-konjugi Jaccarini flimkien.
Il-verzjoni li tat Marguerite Jaccarini, mart il-konvenut, hi li ommha m'hijiex debitrici taghhom. Ghalhekk mhi tippretendi xejn minghand ommha. Marguerite Jaccarini m'hijiex parti ghal dawn il-proceduri. S'issa jidher li l-konjugi Jaccarini huma separati biss *de facto*. 'Il fatt li mart il-konvenut ma tippretendi l-ebda hlas minghand ommha ma jfissirx li l-konvenut m'ghandux rimedju. Ir-rikonvenzjoni ma titrattax xi wahda mill-atti straordinarji li jissemmew fl-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili. Fis-sentenza **Joseph Attard et vs Ray Avallone** tal-24 ta' Mejju 2011, din il-qorti[5] kkunsidrat eccezzjoni simili u b'riferenza ghal dak il-provvediment osservat:
*"Illi huwa maghruf u accettat li l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja bejn il-mizzewgin huma dawk li l-ligi espressament u tassattivament issemmi. Dawn l-ghemejjel kollha jitolbu s-sehem flimkien tal-mizzewgin. Ghalhek, l-jedd li wiehed iharrek jew li jkun imharrek dwar l-imsemmija atti jghodd biss ghal dawk l-ghemejjel u mhux ghal ohrajn. Fejn il-ligi riedet taghzel, ghazlet. It-tifsira u t-thaddim ta' dawk id-disposizzjonijiet specjali ghandha tkun wahda restrittiva u kif sewwa hafna…."*.
Il-qorti kkonkludiet li azzjoni dwar uzurpazzjoni u okkupazzjoni illecita ta' hwejjeg haddiehor ma kienx hemm bzonn li ssir mill-konjugi flimkien u dan minkejja li l-

[5] Imhallef J.R. Micallef.

immobbli kien inxtara fiz-zwieg. Ragunament li ghandu japplika wkoll ghal dan il-kaz gialadarba l-azzjoni proposta mill-konvenut ma tipprospettax wiehed mill-atti straordinarji li ssemmi l-ligi. Ghalhekk il-qorti ma tarax li hemm htiega tal-prezenza tal-konjugi Jaccarini flimkien.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi**:-

**1. B'riferenza ghat-tieni eccezzjoni tal-attrici:-**

**(a) Tilqa' l-istess fir-rigward tal-ewwel u tieni talbiet tar-rikonvenzjoni.**

**(b) Tilqa' l-istess fir-rigward tal-hames u sitt talbiet pero dan limitatament fir-rigward tal-kontijiet tad-dawl u ilma datati 26 ta' Jannar 2007, 5 ta' Gunju 2007 u 14 ta' Dicembru 2007. Tichad l-istess fir-rigward tal-kontijiet l-ohra li jissemmew fid-dokument D prezentat mill-konvenut b'nota fil-11 ta' Jannar 2013.**

**Spejjez tal-eccezzjoni jinqasmu in kwantu ghal 75% a karigu tal-konvenut u 25% a karigu tal-attrici.**

**2. Tichad it-tielet eccezzjoni tal-attrici. Spejjez a karigu tal-attrici.**

**3. B'riferenza ghar-raba' u hames eccezzjoni tal-attrici fir-rigward:-**

**(a) tal-ewwel u tieni talbiet tar-rikonvenzjoni, peress li ntlaqghet it-tieni eccezzjoni m'hemmx htiega ta' xi dikjarazzjoni; u**

**(b) fir-rigward tal-hames u sitt talbiet tar-rikonvenzjoni tichad l-istess.**

**Spejjez a karigu tal-attrici.**

**Tichad l-eccezzjoni numru tnax. Spejjez a karigu tal-attrici.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------